MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 1204/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Reuben Spiteri**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 6 ta` Dicembru, 2013 miġjuba fil-konfront ta` Reuben Spiteri, bin Saviour u Marie nee' Schembri, imwieled fit-13 ta' Mejju, 1992, residenti 73, "Ruah", Triq ir-Rebbiegħa, Siġġiewi;

Rat li l-imputat ġie mixli talli fl-20 ta' Mejju, 2013, għall-ħabta tat-17.00 fi Triq it-Tiġrija, s-Siġġiewi:

1. Saq vettura numru IBD 575 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluża, (c) u bla kont.

2. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Sally Rose Spiteri skont kif iċċertifikat Dr. Marija Agius M.D. Reg – 5319 mill-M.D.H.

3. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Ġużeppa Callus skont kif iċċertifikat Dr. Marija Agius M.D. Reg – 5319 mill-M.D.H.

4. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kimberly Spiteri skont kif iċċertifika Dr. Andrea Aquilina M.D. Reg – 5320 mill-M.D.H.

5. Talli saq b'veloċita' aktar milli jmissu.

Rat li wara li l-atti ġew rimessi quddiem din il-Qorti kif presjeduta, matul is-seduta tal-24 ta' Frar 2014 l-uffiċjal prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 30 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu irreġistra ammissjoni inkondizzjonata fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti ordnat li tisma' xi xiehda biss u limitatament sabiex tkun tista tikkalibra l-piena;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

***Ikkunsidrat***

Illi f'dan il-każ l-entita tal-ħsara riżultanti kienet waħda konsistenti. Minbarra l-ħsara partimonjali sofferta mill-parte ċivile f'dan il-każ prinċipalment konsistenti f'vettura li ġiet dikjarata "total loss", hemm il-konsegwenzi aktar serji fuq saħħet il-parte ċivile. Ġie pruvat li tali ħsara kienet tikkonsisti f'offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Sally Rose Spiteri u Ġużeppa Callus. Aktar serju minn hekk pero huma l-offiżi sofferti fuq il-persuna tal-minuri Kimberly Spiteri. Din il-Qorti riedet tara mhux biss iċ-ċertifikati mediċi eżibiti fl-atti iżda riedet tara *de visu* lill-vitmi ta' dan l-inċident stradali in partikolari lil din il-minuri Kimberly Spiteri biex tkun tista tikkonstata aħjar l-entita tal-offiża li ġarrbet. Meta din il-Qorti rat lil minuri quddiemha nhar l-14 ta' Marzu 2014, ċjoe kważi għaxar xhur wara l-inċident stradali setgħet tikkonstata li anke minn ċerta distanza li tmur oltre dik ta' "*talking distance*" il-Qorti rat li l-minuri kellha l-marki f'wiċċha konsegwenti l-interventi li sarulha minħabba l-ksur li ġarbet fl-għadam tal-wiċċ u li kienu għadhom jidhru ċar. Apparti minn hekk kienet għadha taħt osservazzjoni u ma ġiex eskluż lilha li jsirulha interventi kirurġiċi oħrajn.

Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta li fir-rigward tal-offiżi subiti minn Kimberly Spiteri huwa applikabbli l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu hemm l-estremi imsemmija fl-Artikolu 218(1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li fir-rigward tal-offiżi mġarrba minn Sally Rose Spiteri u Ġużeppa Callus huwa applikabbli l-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu jirriżulta li l-offiżi fil-każ tagħhom kienu ta' natura ħafifa ai termini tal-Artikoli 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat***

Illi f'dan il-każ il-piena erogabbli għar-reati l-aktar serji imsemmija fit-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jiġifieri :-

(a) l-offiżi involontarji ta' natura gravi hija dik misjuba fl-Artikolu 226(1)(a) ossija il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);
(b) fir-rigward tal-offiżi involontarji ta' natura ħafifa sofferti minn Sally Rose Spiteri u Ġużeppa Callus, il-piena erogabbli skont l-Artikolu 226(1)(c) hija dik applikabbli għall-kontravvenzjonijiet.

Il-piena kontemplata għall-ewwel imputazzjoni, ossija dik imsemmija fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Fil-każ ta' sewqan ta' vettura bil-mutur bi trakuraġni kbira jew b'mod perikoluż flimkien mal-piena hawn fuq imsemmija għandha tiżdied ukoll l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan u fil-każ tal-ewwel kundanna għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet xhur filwaqt li l-piena għall-ħames imputazzjoni hija dik t'ammenda kontemplata fl-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta b'riferenza għall-Avviż Legali 128 tal-1994, regolament 127.

Minbarra l-gravita tal-inċident u l-konsegwenzi riżultanti, il-Qorti qegħda tqis li l-imputat irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu mal-ewwel seduta li kellu quddiem din il-Qorti u għalhekk l-ammissjoni tiegħu għandha titqies li hija waħda bikrija b'impatt fuq il-piena erogabbli. Inoltre jirriżulta li huwa żagħżugħ li għandu l-fedina penali tiegħu netta u b'hekk din il-Qorti tqis li l-imputat mhux xi persuna li propensa lejn il-kriminalita' u għar-raġunijiet imsemmija mill-Imħallef Michael Mallia presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ "Il-Pulizija vs Ludwig Micallef" deċiż nhar l-1 ta' Marzu 2012, din il-Qorti tħoss li piena karċerarja effettiva mhix waħda indikata f'dan il-każ. Inoltre bħal ma ntqal mill-Imħallef Joseph Galea Debono presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "The Police vs David Rigglesford" deċiża nhar il-31 ta' Mejju 2007 mhux dejjem tkun ukoll indikata piena ta' priġunerija anke jekk fil-forma sospiża għall-offiżi involontarji.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-piena indikata hija dik pekunjarja, għalkemm għandha tkun konsistenti biex tirrifletti wkoll il-gravita tal-konsegwenzi tal-każ naxxenti minn sewqan li qiegħed jiġi ritenut bħala wieħed li kien perikoluż. Del resto konsegwenza ta' dan l-inċident wiċċ din it-tfajla minuri sejjer jibqa' jġorr din il-marka ta' dan l-inċident tul ħajjitha kollha.

***<u>GĦALDAQSTANT</u>***

Il-Qorti għalhekk wara li rat l-Artikoli 17, 226(1)(a) b'riferenza għall-Artikolu 218(1)(a)(b), 216(1)(c) b'riferenza għall-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 55(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tar-regolament 127(1) tal-Avviż Legali 128 tal-1994 fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, qegħda ssib lil Reuben Spiteri ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' :

(a) multa komplessiva fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) li ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista tiġi imħalsa permezz ta' rati mensili ta' mitt euro (€100) bl-ewwel pagament isir fl-ewwel jum tax-xahar ta' Lulju 2014 u hekk kull ewwel tax-xahar suċċessiv ininterrottament u fil-każ li l-ħati jonqos li jħallas imqar pagament wieħed, huwa jitlef il-benefiċċju taż-żmien akkordat lilu u l-bilanċ kollu jiġi dovut minnufih u jekk ma jitħallasx immedjatament jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata statutorja pro tempore;

(b) inoltre, tordna l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' ħames xhur li għandhom jibdew jgħoddu minn nofs il-lejl tal-għada li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------